**366. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

KIRI TA’ SIT F’BELT IL-ĦAŻNA, LIMITI TAL-FURJANA

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta’ Malta bi ħsiebu jikri lill-Belt il-Ħażna Containers Limited is-sit f’Belt il-Ħażna, limiti tal-Furjana, deskritt aħjar fl-abbozz ta’ ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta’ Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista’ tiġi trasferita “skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment”;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b’dan riżolut li s-sit f’Belt il-Ħażna, limiti tal-Furjana, kif deskritt aħjar fl-abbozz ta’ ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mogħti lill-Belt il-Ħażna Containers Limited għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-abbozz imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

22.10.1981